MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 30/2008

**Capua Palace Limited C-19375, Angelo Xuereb Limited C-3595 u l-istess Angelo Xuereb ID 494652M**

***kontra***

**Il-Korporazzjoni Enemalta**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors mahluf prezentat fil-11 ta' Jannar 2008 li jaqra hekk –

*1. Illi din l-Onorabbli Qorti permezz ta` sentenza parzjali tas-27 ta` Mejju 2005 iddecidiet illi tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenuti qiset illi t-terminu tal-preskrizzjoni kien ghal xi zmien sospiz ; illi fl-udjenza*

*tal-15 ta` Ottubru 2007, l-Inginier Farrugia xehed illi x-xoghol tlesta fit-28 ta` Awissu 1995 ;*

*2. Illi b`sentenza parzjali tal-5 ta` Novembru 2004 ikkonfermata b'sentenza tal-Qorti ta` l-Appell tas-27 ta' Mejju 2005 giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156(f). Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet a fol 8 tas-sentenza illi :*

*"L-Ewwel Qorti, fil-parti krucjali tad-decizjoni mertu ta` dan l-appell immotivat ir-raguni taghha ghac-cahda ta` l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu irriteniet :*

*illi ghalhekk ai termini ta' l-Artikolu 2130, il-perijodu preskrittiv gie interrott wara erba` snin ghaliex il-Qorti ma ghandhiex prova li l-azzjoni setghet giet intavolata qabel Awissu 1997 u cioe' meta hareg il-kont. Il-Qorti ma tistax taccetta leggerment li x-xoghol kien lest fl-1995. Din hija allegazzjoni tal-konvenuti illi b'ebda mod ma giet pruvata."*

*3. Illi waqt l-udjenza quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Ottubru 2007, ghaliex l-atti sa dan it-tant kienu rimessi lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili, xehed l-Inginier Albert Farrugia fejn iddepona illi x-xoghol tlesta fit-28 ta` Awissu 1995, kopja awtentikata tat-traskrizzjoni qed tigi esebita DOK A ;*

*4. Illi l-esponenti qed tipproponi din l-istanza sabiex jigi dikjarat u deciz illi l-prova li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti fis-sens illi x-xoghol tlesta fl-1995 giet stabbilita bhala fatt u dan allura jintuza bhala bazi ta` ritrattazzjoni ; illi r-rilevanza ta' din it-talba hija fis-sens illi jekk jigi stabbilit il-mument meta tlestew ix-xogholijiet, allura kien dak il-mument illi l-fattura u l-azzjoni ghall-hlas setghet tigi ezercitata. Jekk l-azzjoni ghall-hlas setghet tigi ezercitata fl-1995 u tapplika l-preskrizzjoni tal-hames snin b'mod illi l-azzjoni giet preskritta f`Awissu 2000, il-kawza giet prezentata fid-29 ta' Jannar 2003, jigifieri ampjament wara d-dekors tat-terminu preskrittiv ;*

*5. Illi din it-talba qed issir fl-ewwel lok fit-termini ta' l-Artikolu 811(j) biex jigi dikjarat u deciz illi sussegwenti ghas-sentenza giet deciza fuq provi li b'sentenza moghtija wara, jigu ddikjarati foloz, jew, li jkunu gew hekk iddikjarati b'sentenza moghtija qabel, izda l-parti telliefa ma kinitx taf b'dan il-fatt ; inoltre l-esponenti tissenjala illi dan il-fatt li emana b'din ic-certezza issa, u allura jsib applikazzjoni l-Art.811(k) fis-sens illi wara s-sentenza, ikun instab dokument deciziv, u l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghetx iggibu, qabel dik is-sentenza ; illi l-esponenti ghandha interess illi ggib tali dikjarazzjoni biex issegwiha bi proceduri ta' ritrattazzjoni ;*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti li joghgobha –*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi, ai fini li ssir talba ghal ritrattazzjoni (i) l-provi migjuba fil-kawza Cit. 1368/2002 fl-ismijiet "Korporazzjoni Enemalta vs Capua Palace Limited, Angelo Xuereb Limited u l-istess Angelo Xuereb" u li a bazi taghha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija falza fis-sens illi x-xogholijiet effettivament spiccaw fit-28 ta' Awissu 1995 ; u jew (ii) illi wara s-sentenza nstab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella illi bil-mezzi li taghti l-ligi ma setghetx iggibu qabel dik is-sentenza.*

*Bir-riserva ta` kull dritt jew azzjoni fil-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku tad-dokumenti esebiti minnhom.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuta prezentata fil-25 ta` Jannar 2008 li taqra hekk –

*1. Illi t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet :*

*2. Illi kif jirrizulta ampjament mill-korp tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri fl-ismijiet inversi deciza fis-27 ta' Mejju 2005, id-decizjoni ma kenitx merament ibbazata fuq id-data ta' meta spiccaw ix-xogholijiet ghalhekk din kienet il-linja difensjonali principali tar-rikorrenti :*

*"Fl-istess hin pero' din il-Qorti ma tistax taqbel mas-socjeta` appellanti li din id-data meta ntemm ix-xoghol ghandu jkun l-<u>uniku</u> (sottolinear ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell) li fuqu jiddependi kollox. Dan ghaliex jistghu facilment jinqalghu cirkostanzi, <u>u f'dan il-kaz hekk propju gara</u>, (sottolinear ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell) fejn il-partijiet involuti talbu u htegilhom jirrikorru ghal kjarifiki u accertramenti ulterjuri reciproci dwar il-kont, li jkun ifisser ukoll li l-preskrizzjoni tkun qeghda tigi sospiza jew interrotta."*

*" ... mhux korrett li jinghad li appena jintemm ix-xoghol involut tibda necessarjament tiskatta l-preskrizzjoni u li dan l-istat ta` fatt jibqa` hekk inezorabilment."*

*3. Illi ghalhekk ma jissussiti ebda dubju li c-cirkostanzi li fuqhom r-rikorrenti qeghdin jibbazaw ir-ritrattazzjoni, u cioe` id-data meta gew kompletati x-xogholijiet, ghalkemm in linea generali huma rilevanti f'kazijiet ta' din ix-xorta, mhumiex il-bazi li fuqha saret id-decizjoni finali ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li rriteniet illi d-dekors tat-terminu preskrittiv gie sospiz minhabba trattativi u kweziti posti mir-rikorrenti dwar l-ammonti dovuti ;*

*4. Illi ghalhekk din 'l hekk imsejha prova gdida certament mhijiex deciziva kif mehtiega mil-ligi billi m'ghandha ebda riskontru fuq l-ezitu tad-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell li nnotat li sad-29 ta' Ottubru 1999 is-socjeta` rikorrenti kienet ghadha ghaddejja bi skambi ta' korrispondenza mal-kontroparti biex jigi stabbilit darba ghal dejjem jekk din kenitx tassew debitrici jew le u li ghalhekk ma saetghetx tippretendi li fl-istess waqt jibqa` ghaddej it-terminu preskrittiv ;*

*5. Illi di piu` u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti jirrizulta mix-xhieda ta` Albert Farrugia li dan kien involut f'dan il-progett minn mindu dahlet l-applikazzjoni u li dan ir-rikorrenti kien jafu sew ghax sahansitra kellu diskussjonijiet mieghu ;*

*6. Illi ghalhekk ir-rikorrenti, li kif jirrizulta mill-atti u mill-korp tas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, kienu gia` qed jallegaw dawn il-fatti fl-ewwel stadju tal-kawza in kwistjoni u li ma sarux jafu bihom meta xehed Farrugia, kellhom kull opportunita` li jharrku lil dan ix-xhud fl-istadju tat-trattazzjoni ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, haga li ma saritx, ghal ragunijiet li certament mhumiex il-fatt ill ma kienux jafu b'dan ix-xhud jew li bis-setghat li taghti l-ligi ma setghux igibuh stante li kull ma kellu jsir kien li x-xhud jigi mharrek stante li dan ghadu u mpjegat mal-Korporazzjoni u residenti kontinwament f'Malta.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Korporazzjoni Enemalta titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba attrici bhala nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta.

Rat in-nota prezentata fit-3 ta' Gunju 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (fol 38) fejn l-atturi

ressqu bhala prova kopja tal-process tal-kawza fl-ismijiet “*Korporazzjoni Enemalta vs Capua Palace Limited*” (Citaz. Nru. 1368/2002 JA) – minn fol.39 sa fol.193.

Semghet il-provi l-ohra tal-partijiet.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-atturi li kienet prezentata fit-2 ta’ Lulju 2009 (fol 217 et seq).

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta li kienet prezentata fis-27 ta` Awissu 2009 (fol 228 et seq).

Rat id-digriet taghha tad-29 ta` Ottubru 2009 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat -**

Il-kawza li skattat l-azzjoni tal-lum hija “*Korporazzjoni Enemalta vs Capua Palace Limited, Angelo Xuereb Limited u l-istess Angelo Xuereb*” (Citaz. Nru. 1368/2002/JA). F`dik il-kawza, il-korporazzjoni attrici talbet lill-Qorti – *1) tiddikjara li l-korporazzjoni attrici fadlilha tithallas mill-konvenuti jew min minnhom bilanc minn somma akbar ghall-istallazzjoni ta` sub-station u materjal iehor fil-Capua Palace Health Centre fl-ammont ta` Lm 14,468.97 u 2) tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu s-somma ta` Lm 14,468.97 u dan rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghall-istallazzjoni ta` sub-station fil-Capua Palace Health Centre*. Il-konvenuti ressqu erba` eccezzjonijiet. It-tielet eccezzjoni kienet tghid hekk – *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta’ l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili jigifieri dik tas-sentejn u dik tal-hames snin a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili : jigi rilevat illi t-terminu tal-preskrizzjoni jibda*

*jiddekorri mill-mument li l-obbligazzjoni hija kompletata u mhux minn meta tinhareg fattura jew jintbaghat kont.*

Is-smigh tal-provi kien limitat ghat-tielet eccezzjoni tal-konvenuti.

Permezz ta` sentenza *in parte* moghtija fil-5 ta` Novembru 2004, din il-Qorti diversament presjeduta cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, bl-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali u ordnat li l-kawza titkompla.

Il-konvenuti ressqu appell fejn talbu r-revoka tas-sentenza.

Permezz ta` sentenza moghtija fis-27 ta` Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell, filwaqt li kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti, cahdet l-appell tal-konvenuti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontrihom, u ordnat li l-atti tal-kawza jigu rimessi quddiem l-Ewwel Qorti biex tkompli tisma` l-kawza fil-mertu.

Il-korporazzjoni attrici ghalqet il-provi taghha fil-mertu fl-udjenza tat-8 ta` Novembru 2006. Meta l-kawza kienet fl-istadju tal-provi tal-konvenuti, id-difensur tal-konvenuti ddikjara fl-udjenza tat-28 ta` Novembru 2007 li kellu struzzjonijiet biex jipproponi kawza ta` ritrattazzjoni mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta` Mejju 2005. Fl-udjenza ta` wara u cioe` dik tas-27 ta` Frar 2008, l-istess difensur tal-konvenuti nforma l-Qorti li saret ir-ritrattazzjoni.

Huwa evidenti li d-difensur ta` l-konvenuti kien qieghed jirreferi ghall-kawza tal-lum li jirrizulta li kienet prezentata fil-11 ta` Jannar 2008.

**Ikkunsidrat :**

Din il-Qorti tghid mill-ewwel li din tal-lum mhijiex kawza ta' ritrattazzjoni izda kawza mirata jew pre-ordinata sabiex possibilment twassal ghal gudizzju ta' ritrattazzjoni. Sabiex din il-Qorti tiddeciedi dwar il-fondatezza guridika *o meno* tal-istanza attrici trid bilfors tqis dawk id-disposizzjonijiet tal-istitut tar-ritrattazzjoni li l-atturi qeghdin jinvokaw in sostenn tal-istanza taghhom. Fil-kaz tal-lum qeghdin ifittxu dikjarazzjoni minn din il-Qorti sabiex imbaghad imorru ghall-procedura ta` ritrattazzjoni. U ghal dan il-ghan qeghdin jinvokaw **il-paragrafi (j) u (k) tal-Art.811 tal-Kap.12**.

**Il-paragrafu (j)** jaqra hekk –

*jekk is-sentenza tkun giet deciza fuq provi li, b'sentenza moghtija wara, jigu dikjarati foloz, jew, li jkunu gew hekk dikjarati b'sentenza moghtija qabel, izda l-parti telliefa ma kenitx taf b'dan il-fatt.*

**Il-paragrafu (k)** jaqra hekk –

*jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghatx iggibu, qabel dik is-sentenza.*

Irid jitqies ukoll l-**Art. 818** tal-Kap.12 li jghid li parti ghandha zmien tliet xhur biex timpunja s-sentenza *de qua* b'dan illi fejn it-talba tkun bazata fuq **il-paragrafu (j)** it-tliet xhur jibdew ighaddu, *jekk il-falsita' tkun, fuq talba jew kwerela ta' l-istess attur, giet iddikjarata wara s-sentenza attakkata, mill-gurnata ta' dik id-dikjarazzjoni, u jekk tkun giet iddikjarata wara dik is-sentenza, izda fuq talba jew kwerela ta' haddiehor, jew tkun giet iddikjarata qabel, mill-gurnata li l-attur ikun gie jaf b'dik id-dikjarazzjoni,* waqt li fejn it-talba tkun ibbazata fuq **il-paragrafu (k)**, it-tliet xhur jibdew ighaddu *mill-gurnata li fiha jinsab id-dokument*.

Partikolarment ghall-istanza attrici, din il-Qorti tghid li l-ligi tittratta distintament iz-zewg sitwazzjonijiet kontemplati miz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi.

**Ghalhekk din il-Qorti sejra tibda biex tqis l-ewwel talba attrici** li hija mirata lejn l-Art.811(j). F`dan il-kaz, l-istat tad-dritt huwa fis-sens li d-dikjarazzjoni minn Qorti dwar il-falsita’ ta’ provi hija necessarja mhux biss ghax hekk jesigi il-paragrafu (j) izda ghax mill-gurnata li ssir dik id-dikjarazzjoni (skond il-kaz) jibda jiskatta t-terminu ta’ tliet xhur sabiex tigi istitwita l-istanza ta’ impunjazzjoni fil-kuntest ta` ritrattazzjoni. Fil-kaz tal-lum qeghda tintalab dikjarazzjoni gudizzjarja dwar li certi provi migjuba fil-kawza fl-ismijiet inversi kellhom jitqiesu foloz u allura jikkostitwixxu motiv ghall-possibbli ritrattazzjoni tal-kawza. In partikolari, l-atturi qeghdin jikkontendu l-prova li abbazi taghha kienet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kienet falza fis-sens li x-xogholijiet effettivament spiccaw fit-28 ta` Awissu 1995.

Fis-sentenza “**Buttigieg noe vs Grima**” deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) fit-12 ta’ Ottubru 1931 inghad hekk –

*e` lecito al soccombente in un giudizio deciso in modo definitivo, di intentarne un altro per ottenere la dichiarazione d’ essere false le prove sulle quali la Corte si fosse basata nell’ emettere il suo pronunciamento. Per darsi la ritrattazione sul motivo di falsita` delle prove sulle quali si e` deciso, occorre che la falsita` risulti da una sentenza ‘ad hoc’, tanto di una corte civile quanto di una corte criminale, su apposita domanda non premessa od altrimenti compresa in quella per la ritrattazione.*

(ara wkoll Prim’ Awla tal-Qorti Civili - “**Pullicino vs Pirotta**” - 22 ta’ Novembru 1873 – Kollez. Vol. VI. Pg. 692).

Huwa principju accettat mill-Qrati taghna illi "*provi foloz, ghall-finijiet tar-ritrattazzjoni, huma dawk li dolozament juru bhala veru dak li ma hux veru, bhal fil-kaz ta' testimonjanza falza, u mhux kwalunkwe zball ta' fatt jew ta' gudizzju li fih ikun inkorra xi xhud jew perit*" (Qorti tal-Appell [Sede Civili – "**Caruana vs Gerada et**" - 26 ta' Gunju 1950 – ara wkoll : Qorti tal-Appell - "**Farrugia vs Borg noe" -** 27 ta' Frar 1998).

Issa, riferibbilment ghall-kaz tal-lum, fis-sentenza taghha tal-5 ta` Novembru 2004, din il-Qorti diversament presjeduta fl-ewwel lok cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-sentejn abbazi tal-Art.2149(a) tal-Kap.16 ghaliex iddikjarat li dik id-disposizzjoni ma kenitx tapplika ghall-kwistjoni bejn il-partijiet, u fit-tieni lok cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-hames snin skond l-Art.2156(f) tal-Kap.16 ghaliex **mill-atti processwali li fuqhom qaghdu l-konvenuti minflok ressqu provi** rrizulta li kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Il-Qorti qalet ukoll - … *Il-Qorti ma tistax taccetta leggerment li x-xoghol kien lest fl-1995. Din hija allegazzjoni tal-konvenuti illi b`ebda mod ma giet provata.*

Dejjem b`riferenza ghall-kaz tal-lum, fis-sentenza taghha tas-27 ta` Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell, fejn cahdet l-appell tal-konvenuti, ikkonfermat is-sentenza appellata **anke ghaliex** *is-socjeta` appellanti* ma ghamlitx *din il-prova vitali* (u cioe` dwar meta tlesta x-xoghol) *u lanqas ma tinsab konvinta li l-kontroparti* (b`riferenza ghall-Korporazzjoni Enemalta) *accettat li x-xoghol, ossija l-obbligazzjoni minnha assunta ntemmet in definittiva fl-1995.*

Ghall-fini tal-kawza tal-lum, l-atturi qeghdin jargumentaw li l-fatt li, meta xehed l-Ing. Albert Farrugia in kontroezami fil-15 ta` Ottubru 2007 dwar il-mertu tal-kawza fl-ismijiet inversi quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, irrizulta li *x-xoghol tlesta fit-28 ta` Awissu 1995* jaghtihom dritt li javvanzaw il-pretensjoni taghhom skond l-Art.811(j) tal-Kap.12.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-atturi.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-fatti processwali u ma ssib xejn illi jista’ jinduciha tabbraccja l-veduta ta’ l-atturi dwar xi possibilita` ta` taghwig intenzjonali tal-fatti da parti tal-korporazzjoni konvenuta. Ma tirriskontrax fil-provi xi *falsita*`, ossija fis-sinifikat estiz taghha, “*soppressjoni, mutazzjoni, jew alterazzjoni tal-veru, ottenuti bi kwalsiasi mezz*” – ( ara - “**Mifsud vs Azzopardi**”, Prim’ Awla, Qorti Civili - 10 ta’ Gunju 1949). F` kawzi ta’ din ix-xorta huwa essenzjali illi jigi dikjarat bi precizjoni u b’ mod specifiku liema huma dawk il-provi li ghandhom jitqiesu foloz propju “*ghaliex is-sentenza finali fil-kawza fejn tigi dikjarata l-falsita` trid isservi bhala l-bazi prestabilita` u l-punt ta’ partenza sod u definit tal-proceduri tar-ritrattazzjoni vera u proprja. F’ dawn il-proceduri il-falsita` fil-limiti li tkun giet dikjarata b’ sentenza ma tkunx izjed miftuha ghad-diskussjoni jew ghad-dubbju, anke jekk in generali imiss lill-ewwel stadju tal-procedura tar-ritrattazzjoni vera u propria li jigi kkunsidrat x’ effett seta’ kellha, jekk kellha, il-falsita` fuq id-decizjoni tal-kawza li jkun qed jintalab li tigi ritrattata*” – (Appell Civili – 19 ta` April 1971 – “**Farrugia et vs Farrugia et”).**

Fil-premessi tar-rikors mahluf, l-atturi ndikaw bil-preciz fejn dehrilhom li tressqet prova falza b`riferenza ghax-xhieda tal-Ing. Albert Farrugia fl-udjenza tal-15 ta` Ottubru 2007 fil-kawza l-ohra.

Anke fl-isfond tal-premess, din il-Qorti tghid li dak mistqarr mill-Ing. Albert Farrugia mhux prova falza u ma jistax jitqies bhala presuppost ghal procedura ta` ritrattazzjoni. Dak mistqarr mill-Ing. Farrugia kien fl-istadju ta` kontroezami fl-istadju tal-gbir tal-provi fil-mertu wara li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kienet deciza mill-Qorti tal-Appell. Xejn ma kien izomm lill-atturi milli jiksbu dik il-prova fl-istadju tal-gbir tal-provi quddiem l-Ewwel Qorti

dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Hemm l-atturi ghazlu li minflok iressqu provi jillimitaw ruhhom ghall-atti akkwisti. Kienet xelta taghhom u taghhom biss. Ma jistghux ghalhekk jilmentaw mill-konsegwenzi ta` dik l-ghazla jekk f`xi stadju aktar tard il-fatti setghu hadu svolta sfavorevoli ghalihom.

Jekk fil-kawza l-ohra l-atturi odjerni ma rnexxielhomx jaghmlu l-prova tal-preskrizzjoni minnhom pretiza, "*allora non e` lecito di riaprire la trattazione della causa e di produrre controprove per abbattere l' efficacia probatoria e raggiungere risultati e conseguenze diversi da quelli ai quali addivenne il tribunale d' appello nei suoi pronunciamenti*" (**Kollez. Vol. XXVIII.I.658**).

Dan qieghed jinghad ghaliex li "*kieku ma kellux jigi ritenut hekk, kien ikun facli hafna, ghal kull parti f' kawza, li tipprova tissovverti is-sentenzi li jkunu ghaddew f' gudikat, b' mod illi l-principju* li *ta' l-istabilita` tal-gudikati kien jista' jigi eluz*" – "**Scicluna vs Caruana et" -** Appell Civili - 25 ta' April 1975. (ara wkoll – Prim`Awla tal-Qorti Civili – PA/PS – "**Bonnici et vs Incorvaja et**" – 3 ta` Ottubru 2003).

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel talba**.

**Issa sejra tghaddi ghall-konsiderazzjoni tat-tieni talba** li hija ispirata mill-Art.811(k). Fil-kaz tal-paragrafu (k), il-ligi mhix tesigi bhala pregudizzjali li sabiex tiskatta l-procedura tar-ritrattazzjoni huwa mehtieg li jkun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja. Dan jirrizulta car mit-test tad-disposizzjoni. Inoltre ghall-kaz kontemplat mill-paragrafu (k) kull ma jghid l-Art.818 huwa li t-terminu perentorju ta` tliet xhur ghall-presentata tal-procedura ta` ritrattazzjoni jiskatta mill-gurnata li fiha jinsab id-dokument. Fil-premessi tar-rikors mahluf, ma jirrizultax kjarament ghal liema dokument decisiv qeghdin jirreferu l-atturi. Fi

kwalunkwe kaz jekk l-atturi dehrilhom li kellhom lanjanza abbazi tal-paragrafu (k) xejn ma kien jimpedihom milli jipprocedu ghar-ritrattazzjoni fit-terminu prefiss mil-ligi. Fil-kuntest tal-azzjoni odjerna, kif tentata mill-atturi, din il-Qorti ma tistax tqis il-mertu tat-tieni talba attrici u ghalhekk **din il-Qorti qeghda tichad anke t-tieni talba attrici**.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti, filwaqt li tilqa` l-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------